Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju 2013 fil-5.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Post Mortem, Jum Ħal Luqa
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-punt 3.2 tal-laqgħa ta qabel jekk konnix ktibna lill tal-ETC biex jibgħatulna xi ħaddiema sabiex jagħmlu xogħol ta tindif. Is-Segretarju wieġeb li le.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li ġewwa Ħal Luqa is-sitwazzjoni rigward tal-iscammel baqgħet kif kienet. Il-Viċi Sindku semma li n-nies mhumiex prudenti u qed jarmu affarijiet li mhux suppost jintremew mal-iskart. Huwa qal li l-Kunsill joffri servizz ta ġbir ta skart goff li jsir b' xejn u għalhekk in-nies għandhom jagħmlu iktar użu minn dan is-servizz.

2.3 Is-Sindku saqsa jekk is-civic amenity site jagħtix permess biex ikun jista jintrema aktar minn ċertu volum ta skart. Il-Kunsillier Caruana semma li dawn ma jħallux li jintrema aktar minn ċertu ammont ta skart.

2.4 Is-Sindku appella lill-Kunsilliera kif ukoll lis-Segretarju li malli jaraw li jkunu qed isiru ċertu nuqqasijiet minn naħa tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart jiġbdulu l-attenzjoni mill-ewwel.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li se jinġieb blood donation unit minn naħa ta Thomas Smith u appella biex minn huwa f' saħħtu imur biex jagħti d-demm.

3.2 Is-Sindku qara stedina għal seminar bl-isem anzjani attivi li kien se jsir fl-10 ta' Mejju. Huwa qal lis-Segretarju li se jkun qed jattendi huwa u l-Kunsilliera responsabli mill-anzjani Lucia Massa.

3.3 Is-Sindku qara ittra li ntbagħtet mill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija fejn huma talbu li jingħataw għajnuna relatatta mal-festa. Is-Sindku qal li kien hemm ittra wkoll minn naħa tas-Soċjeta Filarmonika l-Unjoni fejn għamlu talbiet simili. Is-Sindku semma li bħala għajnuna ma tistax tingħata ħlief fuq gwardjani lokali u għall meter tad-dawl tat-toroq. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament biex tingħata din il-faċilita, ħlief għal Kunsillier Camilleri li astjena.

3.4 Is-Sindku qara invit li kien hemm fl-okkażżjoni t' Anniversarju mill-ftuħ tal-maħżen tal-Armar mill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Kien se jkun hemm open day tal-maħżen għal dawk interessati li jaraw kif isir il-lavur.

3.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bus shelter ta Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra meta dan se jsir. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li saret mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi, ingħata elenku ta

fejn għandhom isiru l-bus shelters fejn fosthom kien hemm dak ta Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

3.6 Is-Sindku semma wkoll li fuq l-istess żona saret talba biex isir traffic management għall ewwel darba peress li kien hemm diversi crossings f' din iż-żona li jidħlu ġo xulxin.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix taċ-Ċimiterju li hemm Valletta Road.

3.8 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq Ħal Saflieni, l-ħajt li jżomm il-ħamrija kien żarmat, huwa saqsa jekk dan il-ħajt jistax jerġa jittellgħa u jinbena pulit. Is-Sindku semma li huwa se jara kif l-aħjar għandu jsir biex ix-xogħol isir sewwa.

3.9 Il-Kunsilliera Sammut qalet li hija kienet attendiet għal inawgurazzjoni li saret mit-TCTC. Hija qalet li waqt din l-inawgurazzjoni kien hemm kors ġdid li jittrata dwar robotics li jista jkun t' interess peress li jħarreġ dwar computer robots u kif dawn jinbnew. Is-Sindku talabha biex hija iġġib aktar informazzjoni.

3.10 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet meta se jsiru t-tabelli tal-Iskene li jindikaw fejn huwa Teatru Metanoia. Is-Sindku irrisponda li huwa qed jistenna minn naħa tagħhom fejn kellhom jiltaqgħu miegħu biex jindikaw liem huma dawk il-postijiet li jixtiequ jkun hemm it-tabelli fihom.

3.11 Il-Kunsilliera Massa semmiet li tista' issir mawra sa Sqallija fejn ikun hemm l-agri turismo. Hija semmiet li bħala waqfiet jkun hemm il-fabbrika tal-ġobon, taċ-ċikkulata, Pozzallo, Ragusa u ikla ta 6 courses. Il-prezz ta' din il-mawra jkun ta €151 u tista ssir għal Lulju. Minn naħa tiegħu s-Sindku esprima li dan il-prezz huwa għoli. Huwa talab lill-Kunsilliera Sammut sabiex tiċċekkja fuq prezzijiet oħra m' aġenziji tal-vjaġġar.

## 4.0 POST MORTEM JUM ĦAL LUQA

4.1 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm problema minħabba li l-eżebitturi tal-classic cars ma kinux avżati minn qabel li huma ma kinux se jipparteċipaw. Is-Segretarju qal li lejn l-aħħar kien hemm problema għax żdiedu spejjeż ġodda billi l-mużika kienet se tkun live u mhux playback u għalhekk kellhom jiġu allokati l-flus għal sound system oħra.

4.2 Il-Kunsilliera Massa semmiet li s-serata kienet tajba u organiżżata tajjeb.

4.3 Is-Sindku semma li hemm bżonn li ssir ħidma kollettiva bil-Każini tal-Banda fejn tiġi organiżżata attivita fuq skala kbira.

4.4 Il-Viċi Sindku qal li bħala Kunsilliera nistgħu nfittxu għal sponsors imma minn ġewwa Ħal Luqa wieħed ma jistenniex li jinġbaru ammonti kbar ta sponsors. Huwa semma li sena wara l-oħra dejjem ningħataw għotjiet żgħar li jkopri parti żgħira biss tal-ispejjeż fejn Kunsilli oħra jingħataw flus li ma jintużawx tajjeb.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-Segretarju spjega li l-pagament li kien hemm fuq ismu kien rigward l-VRT li kien sar fuq il-vann tal-Kunsill u li dan l-ammont kellu jitħallas fil-pront biex ikun jista jinħareġ ir-riżultat u titħallas il-liċenzja tal-vann.

5.2 Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda tal-pagament b' vot unanimu b'eċċezzjoni għal Kunsillier Camilleri li kien qed jastjeni fuq il-pagament tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

**6.0 AĠĠORNAMENT**

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013, fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2013.

______________________ ______________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv